**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 23 ta' Lulju, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**-vs-**
**Francesco sive Frank Schembri, detentur tal-Karta tal-Identità numru KI 599257M, u**

**Edward Schembri, detentur tal-Karta tal-Identità numru 176381M**

*Każ nru. 2864/2024*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati u ċioè talli:

> **Talli b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat:**
>
> Fil-kwalità tagħhom ta' Direttur jew Segretarju jew Rappreżentant legali jew *manager*, tal-kumpannija **C 17388 - SCHEMBRI INFRASTRUCTURES LTD** ta' Triq Ħal Far, Birżebbuġa u/jew bħala l-persuna inkarigata mill-istess Kumpannija sabiex tħallas il-pagi skont il-liġi:
>
> Naqsu li jħallsu lill-impjegat **Boiken Cela (KI 0224744A):**
>
> 1. Il-**paga** dovuta skont il-liġi għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju 2020 u l-10 ta' Mejju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' **€14,415.14**;

2. Il-*weekly allowance* pro-rata dovuta għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju 2020 u l-10 ta' Mejju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' **€267.95**;
3. Il-**bonus statutorju** pro-rata dovut għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju 2020 u l-10 ta' Mejju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' **€315.66**;
4. Il-***public holiday entitlement*** dovut għall-perjodu ta' bejn il-11 ta' Mejju 2020 u l-10 ta' Mejju 2021, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' **€617.92**;
5. Għal ***vacation leave*** akkumulat u mhux utilizzat, liema nuqqas ta' ħlas jammonta għas-somma ta' **€1,434.70**

Globalment ammontanti għas-somma ta' **sbatax-il elf u wieħed u ħamsin Euro u seba u tletin ċenteżmu (€17,051.37)**.

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iħallas l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 u cioe illi naqas li jħallas pagi, għamel tnaqqis illegali, naqas li jħallas xi bonus, żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, naqas li jagħti vaganzi bi ħlas, naqas li jagħmel xi pagament dovut lill-impjegat skont l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex iħallas lil **Boiken Cela (KI 0224744A)** is-somma ta' **sbatax-il elf u wieħed u ħamsin Euro u seba u tletin ċenteżmu (€17,051.37)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-24 ta' Ġunju, 2024.

**PL. Quentin Tanti** xehed li l-kumpanija Schembri Infrastructures Limited kellha lill-imputati bħala diretturi kif ukoll *legal and judicial representatives* fiż-żmien tar-reati addebitati lilhom.[1]

**Boiken Cela** spjega li beda jaħdem mal-kumpanija tal-imputati fid-9 ta' Marzu, 2020. Fil-11 ta' Mejju 2020 korra fuq il-post tax-xogħol. Kien jithallas kull ġimgħatejn. Matul iż-żmien li għamel l-isptar kienet marret iżuru ċertu Jennifer Caruana mill-Human Resources u darba mar id-direttur Johann Farrugia. It-tobba qalulu li biex jgħix kien ser jaqtawlu s-swaba. Meta kien rikoverat kienet ttieħdietlu stqarrija minn l-OHSA.[2] Cela esebixxa dokumentazzjoni li fosthom hemm il-ħlasijiet li rċieva.[3]

Żied li ma rċieva l-ebda pagament mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali peress li skopra li ma kienx ġie reġistrat ma Jobsplus.[4] Esebixxa il-Police Report kif ukoll is-*Single Permit* li ġie approvat f'Marzu, 2020.[5] Kien Johann Farrugia li serraħlu moħħu li għalkemm kien għadu ma ħariġx is-*single permit* seta jibda xogħol.[6]

Ix-xhud ppreżenta il-*case summary* mediku[7] dwar ix-xhur li għamel rikoverat l-Sptar kif ukoll rapport tal-psikologu.[8] Ikkonferma li l-ammont lilu dovut hu ta' €17,051.37c.[9]

In kontro-eżami ikkonferma li sa mill-bidu tal-impjieg tiegħu hu kien jaħdem fuq *shutters* u *precast forms*. Kien ħadem ma kumpanija lokali tal-kostruzzjoni w

[1] Fol.78 et seq
[2] Fol.13-15
[3] Dok.**BC1-Dok.BC3** a fol.27-42 *tergo*
[4] Fol.16. vide **Dok.BC4** a fol.43 et seq
[5] **Dok.BC5** a fol.48 et seq u **Dok.BC6** a fol.51 et seq
[6] Fol.16-18
[7] Fol.18. **Dok.BC10** a fol.61 et seq
[8] **Dok.BC11** a fol.72 et seq
[9] Fol.19

qabel fl-Albanija fix-xhur tas-sajf meta kien qed isegwi kors universitarju.[10] Irċieva is-*single permit card* f'Lulju 2020 peress li kien l-isptar.[11] Kien ġie infurmat li ġie reġistrat tard mal-kumpanija peress li qabel kellu jġib it-*termination records* mill-kumpanija Danzah Ltd., il-kumpanija li kien impjegat magħha qabel dan l-impjieg, sabiex Farrugia setgħu jirreġistrawh magħhom ma Jobsplus.[12]

Cela ikkonferma li meta kien l-Sptar ġie informat li, ġaladarba kien għadu mhux reġistrat mal-kumpanija, ma setgħax jirċievi benefiċċji soċjali u dan peress li Jobsplus ma setgħetx tirreġistrah qabel ma nbiddel is-*single permit* minn ma Danzah Ltd. ghal fuq Schembri Infrastructure.[13]

In ri-eżami semma kif għalkemm kien impjegat biex jaħdem erbghin siegħa fil-ġimgħa kien jaħdem ferm iżjed u kien jitħallas bis-€7 is-siegħa. Kompla li għalkemm ma ID Malta kien ġie dikjarat li qed jaħdem bil-*minimum wage* fil-verità kien qed jitħallas €7 is-siegħa *flat rate* anke għall-*overtime*.[14] Il-*payment slip* turi l-ammont li kien qed jirċievi u <u>*"if I was working one hour and if I was working one hundred hours my rate it was seven euro per hour"*.</u>[15] Cela għadda biex **esebixxa email mingħand il-kumpanija li tikkorrobora il-verżjoni tiegħu li kien qed jithallas bis-€7 mingħajr ħlas addizzjonali skond il-liġi ghal *overtime*!**[16]

**Yan Cela**, hu l-parte leża, xehed kif hu wkoll beda l-impjieg ma ħuh fid-9 ta' Marzu, 2020 fejn kien jaħdem fil-*concrete*. Spiċċa fil-11 ta' Mejju, 2020 fil-jum li korra Boiken. Kien jitħallas cash bir-rata ta' €7 fis-siegħa *"Overtime, festa nothing"* rata waħda.[17] Ix-xhud ikkonferma li qatt ma rċieva taħriġ mis-sidien, la ġie mgħallem fuq *safety policies* u lanqas ingħata *safety equipment*. Ma kellux pretensjonijiet kontra l-*employers*.[18]

**Rodianne Brincat** impjegata ma Schembri Infrastrctures Ltd. qalet li skond il-kuntratt Cela kien jithallas €5 fis-siegħa, u jaħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa għal

---

[10] Fol.20-21
[11] Fol.21-22
[12] Fol.22
[13] Fol.22-23
[14] Fol.23-24
[15] Fol.25
[16] **Dok.BC13** a fol.77
[17] Fol.193-194
[18] Fol.195

40 siegħa filwaqt li meta kienet tittella' l-*production* ir-rata tiżdied b'€2 u jittieħed il-bonus.

Il-makkakerija tax-xhud toħroġ mit-tweġibiet tagħha fejn teżerċita kawtela u tallaċċa il-ħlasijiet dovuti lil Cela mad-data li l-istess kumpanija li taħdem magħha għażlet tirreġistrah fiha mal-Jobsplus, meta kif intqal meta seħħ l-inċident f'Mejju, kien propju **s-sid li dakinhar għadda kopja tas-*single permit card*** lil OHSA filwaqt li fis-**6 ta'April kollega tagħha Annalise Zammit** kkonfermat li Cela kien ġa impjegat u jitħallas bir-rata ta' €7!!

L-ammont li Cela hu dovut, dejjem skond il-konteġġi tal-kumpanija u mid-data ta' reġistrazzjoni tiegħu ma Jobsplus, kien €3,884.93c. Inħareġ ċekk li Cela ma aċċettahx.[19]

In kontro-eżami issib diffikultà twieġeb għad-domandi tal-prosekuzzjoni w tal-Qorti iżda jirrizulta biċ-ċar li Cela ma ntbgħatx l'hemm sakemm jiġi regolarizzat l-impjieg tiegħu iżda kien qed jirrapporta għax-xogħol:

*"Pros: Dawk id-dokument, le. Però nagħmel riferenza għall-payslips li kienu ħarġu lil Boiken Cela bejn Marzu sa Mejju, sal-aħħar ġurnata li ħadem. Ngħid sew li r-rata dejjem kienet indikata bħala seven euro (€7) fis-siegħa?*
*Ix-xhud: Dak kien ikun performance bonus talli jkunu jtellgħu ċertu xogħol, imma l- kuntratt tiegħu bil-five euro (€5).*
*Pros: Kienet indikata fuq il-payslips?*
*Il-Qorti: Imma kienet indikata fuq il-payslips? Inti kont inkarigata minnhom dawn.*
*Ix-xhud: Ma kontx noħroġhom jiena, imma ma kinitx indikata fuq il-payslip, imma fuq il-kuntratt għandu miktub illi bil-five euro (€5) kellu, jiġifieri dan il-kuntratt huwa iffirmat mingħandu u mingħadna.*
*Pros: Taf li għandkom obbligu biex fil-payslip ikun hemm indikat l-ammonti eżatt x'jirrappreżetaw, bil-liġi?*
*Ix-xhud: --*
*Pros: Taf li hemm dak l-obbligu?*
*Ix-xhud: Naf li hemm l-obbligu.*
*Pros: Taf li hemm l-obbligu.*
*Il-Qorti: Allura ma dejqekx li ma kinux? Tħarix lejn l-avukat! Lejja ħares għax int trid tirrispondi, lili!*
*Ix-xhud: Dawk il-payslips ma kinutx għadhom għax il-Jobsplus ġie engejġjat mal- Jobsplus fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju,*
*Il-Qorti: Jiġifieri kien qed jaħdem qabel? Imbagħad irreġistrajtuh?*

[19] Fol.286

*Ix-xhud: Dan dam l-Identità Malta, aħna tfajna change of employer f'Marzu u dawn baqgħu ma irrispondewx, sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju.*
*Il-Qorti: U x'għamiltu in the meantime? X'għamiltu in the meantime? Bgħattuh 'il hemm?*
*Ix-xhud:* ***Le, ma bagħtnih 'il hemm.***
*Il-Qorti: Allura! Qed tispara lilek innifsek, Sinjura! Aħjar ma tweġibx, tgħidli ċuċati bħal dawn, għax qed tħaffer it-toqba għall-imputati.*
*Pros: Jiġifieri ngħid sew li f'Marzu kienu nħarġulu payslips?*
*Ix-xhud: Ma niftakarx id-dati eżatti.* ***Naf li f'Marzu għamilna ċ-change of employer;*** *ma nistax niftakar id-dati. Jiena hawnhekk il-working minn July tat-twenty twenty (2020) għamiltu.....*
*Pros: Però l-injury benefit taf meta joħroġ? L-injury benefit joħroġ minn meta jweġġa' persuna fuq il-post tax-xogħol?*
*Ix-xhud: After four days.*
*Pros: Meta jweġġa' persuna fuq il-post tax-xogħol, ngħid sew?*
*Ix-xhud: Eħe. Eżatt.*
*Pros: Meta weġġa' Boiken Cela fuq il-post tax-xogħol? Għandek amment tad-data?*
*Ix-xhud: Mejju twenty twenty (2020).*
*Pros: Mejju twenty twenty (2020).*
*Ix-xhud: Ma niftakarx il-ġurnata.*
*Pros: U meta ġie reġistrat ma' Jobsplus?*
*Ix-xhud: Kien hawn xi kawża hawnhekk fl-istess Qorti, ma nafx jekk hux taħt l-istess kawża, u qalulna biex nimpjegawh f'Lulju tat-twenty twenty (2020).*
*Il-Qorti: X'jiġifieri qalulkom biex timpjegawh!? Qalulkom biex timpjegawh għax ma kienx reġistrat, mhux timpjegawh, għax kien diġà impjegat meta weġġa'!*
*Ix-xhud: Għax l-Identità Malta ħarġitlu l-card fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tat- twenty twenty (2020).*
*Il-Qorti: Allura għalfejn impjegajtuh qabel?!*
*Ix-xhud: Ma nistax inwieġeb għalija jien dik il-mistoqsija."*[20]

Brincat ikkonfermat li Cela weġġa f'Mejju – affermazzjoni minn għewl id-dinja li kien ġa impjegat mal-kumpanija!![21]

**Charmaine Cini** mid-Dipartiment tas-Servizzji Soċjali, xehdet li ma ngħatawx benefiċċji soċjali lil Cela peress li ma kienx reġistrat ma Jobsplus. Il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jitħallsu nofs b'nofs bejn is-sid u l-impjegat fejn dan tal-aħħar titnaqqaslu mill-paga.[22]Cini spjegat:

*"meta weġġa' l-klijent, aħna iċċekkjajna l-ktieb tax-xogħol hux miftuħ, ma kienx; għalhekk aħna tlabna lis-Sur Cela biex jipprovdi l-payslips biex inkunu ċerti tħallsitx il-bolla jew le, u irriżulta li ma kinitx qed titħallas NI contribution, allura l-każ ġie*

[20] Fol.287-288
[21] Fol.289
[22] Fol.204

*rejected bħala mhux assigurabbli. ...... kieku kellu l-bolla mħallsa u kieku kien miftuħ, kien ikun entitled għall-injury benefit u kien imbagħad ikun entitled anki għall-after effects minħabba li skont il-karti taċ-ċertifikat u meta daħal l-isptar, irriżulta li kellu diżabilità permanenti u kien jiġi entitled għal percentage disability, li tikkwantifika somma mal-persentaġġ."*[23]

**Thomas Berry** minn Identità xehed li l-applikazzjoni biex Cela jaħdem ma Schembri Infrastructures Ltd ġiet sottomessa fis-26 ta' Marzu, 2020 u l-għada reġgħet ġiet sottomessa. Ġiet aċċettata fis-16 ta' Lulju 2020 u Cela kien mistieden imur l-aġenzija sabiex jieħu l-*biometrics* u jiffinalizza l-applikazzjoni fit-28 ta' Lulju, 2020.[24]

**Mariella Caruana** mid-Dipartiment għall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, spjegat f'dettal ix-xogħol tad-dipartiment li skatta mar-rapport ta' Cela. Caruana tagħti informazzjoni sħiħa dwar kif saret il-komputazzjoni mid-dipartiment ta' dak dovut mill-kumpanija tal-imputati lil Cela.

*"Il-work schedule tiegħu kien mit-Tnejn sas-Sibt inkluż il-public holidays u nhar ta' Ħadd kien ikun off. ....... Komplessivament minn dak li rajna, is-siegħat tax-xogħol kienu average ta' 48 hours per week. ............... Il-ħlas tal-pagi kien isir kull ġimgħatejn u kien jitħallas cash. Ma' dan il-ħlas kien jingħata chit fejn kien ikun hemm dettalji rigward il-paga li jkunu tawh. Din* ***iċ-chit qed insejjħilha payslip imma ma ma tobdix ir-regulations tal-payslip li kienu ħarġu fl-2019****.* ***Id-dettalji li kien hemm fuq din il-payslip kien hemm ir-rata fis-siegħa li kienet dejjem ta' seven euro, is-siegħat ta' overtime.*** *Kien hemm ukoll is-siegħat li nħaddmu s-sibt. U is-somma total mħallsa. Kif għedt ir-rata dejjem ta'* ***seven euro fis-siegħa*** *irrispettivament jekk hux overtime, jekk hux siegħat normali, jekk hux is-sibt. Dawn il-payslips jiccoverjaw il-perjodu mid-9 ta' Marzu 2020 sas-17 ta' Mejju 2020.*

...............

*Is-Sur Cela ppreżenta wkoll korrispondenza ma' Analise Zammit mal-Payroll Department ta' Schembri Infrastractures Limited. Data 6 ta' April 2020. Fejn kienet qed tikkonferma Analise Zammit li r-rata tiegħu kienet korretta. Ta'* ***seven euro fis-siegħa u li dik kienet ukoll ir-rata tal-overtime****.*

.......

*F'xi 7.30 a.m. fil-11 ta' Mejju 2020. Huwa tilef is-swaba ta' idejh il-leminija. Hu kellu bżonn intensive medical care f'Mater Dei. Ippreżenta wkoll ir-rapport tal-pulizija u l-case summary tal-isptar. Dawn iż-żewġ rapporti ikkonfermaw iż-żewġ dati li qalli is-*

[23] Fol.204-205

[24] Fol.295 et seq

*Sur Cela. Hu ġie irrilaxxat mill-isptar fl-10 ta' Awissu u dan huwa wkoll kkonfermat mir-rapport tal-isptar. .......*

*L-impjieg ta' Mr Cela ma kienx ġie irreġistrat anke sal-ġurnata ta' dan il-meeting, jiġifieri fit-13 ta' Awissu 2020, l-impjieg tas-Sur Cela ma kienx jidher fuq ir-reġistru tal-JobsPlus u li ma kienux tħallsu kontribuzzjonijiet tas-Servizzi Soċjali. Is-Sur Cela kien ippreżenta wkoll statement by the employer iffirmata kemm minnu u kemm minn Jennifer Caruana on behalf of Frank Schembri. Fejn dan l-agreement kien qed jistabilixxi li it-titlu ta' Mr Cela kien se jkun Helper to Skilled Labourer. Kien se jaħdem ma' Schembri Infrastractures Limited on full time basis, 40 siegħa fil-ġimgħa. Il-paga kellha tkun ta' 200 euro gross. Jiġifieri 5 euro fis-siegħa għall-basic hours u titħallas kull xahar. Imbagħad il-pagamenti bħall-overtime u hekk kellhom jitħallsu skont il-liġi. Pero mill-evidenza l-oħra li rajna ir-rata li kien jitħallas, skont il-payslips u anke skont l-email li kienet bagħtet Analise Zammit jidher li r-rata fis-siegħa kienet ta' **7 euro**.*

*.........*

*Fl-20 ta' Ottubru 2020 intbagħtet l-ewwel claim, lill-employer u ma kienx hemm response. Fid-19 ta' Novembru 2020 id-dipasrtiment updateja il-claim peress li din kienet on going. Is-sena tal-injury leave kienet għadha għaddejja waqt li konna qegħdin nibgħatu dawn il-claims. Allura sar l-update u ntbagħtet b'ittra rreġistrata il-claim.*

*Fit-30 ta' Novembru 2020 id-dipartiment irċieva ittra mingħand Schembri Infrastructures Limited ddatata 24 ta' Novembru 2020 u ffirmata minn Rodianne Brincat għall-kumpanija. Il-kumpanija hemmhekk qalet li Mr Cela qatt ma kien ingaġġjat ma' Schembri Infrastractures Limited u allura ma kienx hemm pagi pendenti. Fit-22 ta' Frar 2021 id-DIER updatja l-claim u bagħat il-claim lill-istess kumpanija. Fil-15 ta' Marzu 2021 irċevejna risposta mingħand Schembri Infrastractures. L-ittra hija ddatata 24 ta' Frar 2021 fejn Rodianne Brincat reġgħet qalet lid-dipartiment li s-Sur Cela qatt ma kien ingaġġjat ma' Schembri Infrastractures Limited. Fis-26 ta' Marzu 2021 id-DIER irrisponda għall-ittra tal-kumpanija u hemmhekk id-**DIER qal lill-kumpanija, infurmaha li kellna evidenza li Mr Cela kien fil-fatt jaħdem mal-kumpanija** u stedinna lill-kumpanija tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha. Pero ma kienx hemm rispons għal din l-ittra*

*............*

*fit-31 ta' Mejju, 2022, Fid-dipartiment kien sar meeting bejn il-partijiet fil-preżenza ta' Dr Felice u tiegħi fejn il-partijiet ippruvaw isibu settlement u jippruvaw isolvu dan il-każ. Il-ftehim dakinhar kien li kienu se jitkellmu flimkien ma' Identity Malta u mas-Sigurta Soċjali sabiex jinbidlu u jkunu korretti id-dettalji rigward l-impjieg ta' Mr Cela ma' Schembri Infrastructures. F'dak il-meeting pero l-employer kompla jikkontesta l-hourly rate ta' seven euro, peress li l-kuntratt tal-employer kien qed jistabbilixxi rata ta' five euro fis-siegħa. Pero, f'dak il-meeting, id-dipartiment insista li mid-*

*dokumentazzjoni li rajna, ir-rata li kienet effettivament il-kumpanija qed tagħti lill-claimant kienet ta' seven euro fis-siegħa. Rigward il-claim, qed nitkellem fuq l-aħħar claim, għax hija l-claim finali li fuqha imbagħad inħarġet iċ-charge. Ġew claimed il-basic wage. Erbgħin siegħa fil-ġimgħa bir-rata ta' seven euro u mill-2021 inkludejna l-COLA li kienet ingħatat għal dik is-sena. Ir-rata ġiet ta' 7.04 euro. Il-perjodu kien ikopri mill-ġurnata tal-inċident, mill-11 ta' Mejju 2020, sal-10 ta' Mejju 2021. Is-sena unpaid li titlob il-liġi. Ġew claimed ukoll elementi oħra li joħorġu mill-ERA li huma statutorji. Il-bonuses li jinħarġu kull tlett xhur, il-public holiday entitlement kif ukoll il-bilanċ tal-leave outstanding, kemm għall-2020 kif ukoll l-2021. Dawn ġew ikkalkulati mid-data tal-inċident peress li ma kellniex evidenza fuq il-perjodu preċedenti. Jiġifieri dak hu komplessivament dak li kien hemm fil-claim tad-dipartiment."*[25]

Kompliet kif mal-medda taż-żmien il-posizzjoni tal-kumpanija inbidlet. Fil-bidu s-sidien qalu li Cela qatt ma kien impjegat magħhom iżda:

> *".....fit-31 ta' Mejju, 2022, Fid-dipartiment kien sar meeting bejn il-partijiet fil-preżenza ta' Dr Felice u tiegħi fejn il-partijiet ippruvaw isibu settlement u jippruvaw isolvu dan il-każ. Il-ftehim dakinhar kien li kienu se jitkellmu flimkien ma' Identity Malta u mas-Sigurta Soċjali sabiex jinbidlu u jkunu korretti id-dettalji rigward l-impjieg ta' Mr Cela ma' Schembri Infrastructures. F'dak il-meeting pero l-employer kompla jikkontesta l-hourly rate ta' seven euro, peress li l-kuntratt tal-employer kien qed jistabbilixxi rata ta' five euro fis-siegħa. Pero, f'dak il-meeting, id-dipartiment insista li mid-dokumentazzjoni li rajna, ir-rata li kienet effettivament il-kumpanija qed tagħti lill-claimant kienet ta' seven euro fis-siegħa."*[26]

Din il-*claim* inħadmet skond dak li jipprovdi l- Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta

> *"... il-Kap.452 jiddentifika il-perjodu tal-impjieg bħala l-perjodu li actually kien hemm contract of service u id-definizzjoni ta' contract of service hija proprja taħt l-ERA (?) li hemm rapport ta' impjieg u mhux ir-reġistru tal-JobsPlus. Jiġifieri għalina l-fatt li r-reġistru tal-JobsPlus qed jgħid mod ma jibdilx l-evidenza lli ġbarna bħal payslips, bħal rapporti tal-inċident illi qed juru li actually ir-rapport tal-impjieg kien ilu għaddej. Qatt ma nibdlu l-claim għal dik ir-raġuni."*[27]

[25] Fol.82-84
[26] Fol.84
[27] Fol.86

Fir-rapport konfermat minnha, jissemma kif nhar il-31 ta' Mejju, 2022 qabel is-seduta li kellha ssir fit-3 ta' Ġunju 2022, kienet saret laqgħa id-dipartiment bejn Schembri u Cela fejn:

> *"The parties agred to jointly speak with Identity Malta and DSS in order to have the details regardig the period of emplyment of Mr Cela with Schembri Infrastructures changed to reflect the actual period of emplyment."*[28]

Bla mistħija is-sid baqa' jinsisti li Cela kien qed jithallas €5 is-seigha meta *"Annalise Zammit Payroll/Human Resources Department"* infurmat lil Cela li:

> ***"I checked wage both of you and it is correct. Kindly note that o/t hrs are being paid by 7.00"****(sic)*

Menefregizmu lampanti da parti tal-imputati għall-ligijiet viġenti, u ergo, għall-impjegati li jitqiesu għodda u mhux trattati ta persuni umani bid-dinjità w rispett li għandu jkun hemm kemm fuq lat ċivili iżda aktar u aktar qua sid u impjegat!

Dan l-atteġġjament bla ebda konsiderazzjoni għall-ħaddiem fejn is-sid bla ħniena jiġi jaqa' w iqum mill-inkolumità ta' min, b'saħħtu, qed iħaxnu l-bwiet, jkompli joħroġ fid-deher fix-xiehda ta' **Joseph Cremona**, mill-OHSA.

**Joseph Cremona,** in rappreżentanza ta' dik l-Aġenzija, ikkonstata li Cela la ingħata training għax-xogħol li ġie ordnat jagħmel u lanqas kellu superviżjoni fuq dak ix-xogħol. L-istint qarrieqi tas-sidien jemana wkoll mill-fatt li intbagħat *risk assessment* lill-aġenzija fejn *"l-attivita li kienet qed issir dakinhar ma kientx indirizzata f'dak ir-risk assessment"*.[29] Dan wassal sabiex jittieħdu proċeduri fil-konfront tal-kumpanija. Riprodott Cremona jżid:

> *"Li ġara, Sur Maġistrat, nista' nispjega jiġifieri, dan il-blokok jitilgħu permezz ta'... ikunu marbutin bi ktajjen ..... Li ġara dan kif kont qed nispjega, Sinjura Maġistrat, il-blokka tal-concrete kienet qiegħda tintrefa', huma għandhom proċess illi jħollu l-frame tal-concrete li jkun qiegħed jorbot il-blokka tal- concrete u jtektkulu fuq il-post jiġifieri sabiex il-frame li jkun hemm ta' mad- dawra tal-concrete jinqala'. Li ġara huwa illi waqt li bdiet tiela' l-blokka tal- concrete, din swingjat ftit, is-Sur Cela prova jżomm il-blokka tal-concrete u dak il-ħin sfortunament waħda mill-frames tal-blokka nqalgħet u baqgħet jiġifieri nieżla direttament fuq il-pala ta' idejh b'konsegwenza tal-ġrieħi li*

[28] Fol.92
[29] Fol.140

*ġarrab. U fuq il-blokka tal-moulding hemm xifer, edge, jidher ħafna fir-ritratti li hemm hemmhekk, u sfortunament il-ħsara li ġarrab hija l-kawża ta' hekk....Mela, il-mossa kienet spontanja, Sinjura Maġistrat. Però aħna meta tlabna l-proċess tar-risk assessment u meta rajna r-risk assessment jindika r-risk assessment illi l-proċess ta' dak ix-xogħol ma kien imkien qed jissemma' fir-risk assessment. Aħna meta ngħidu risk assessment huwa jkun eżami tal-post tal-proċess ta' kif għandu jsir ix-xogħol, x'miżuri jridu jittieħdu biex jitnaqqas il-periklu .......... dak ix-xogħol ma jiffiċerjax."*[30]

**Pierre Conti**, mill-istess aġenzija filwaqt li ikkorrobora dak li xehed Cremona żied li t-taħriġ ta' Cela kien jikkonsisti f' *"Jagħmel ix-xogħol u jitghallem waqt li qed jagħmel ix-xogħol"*.[31]

L-ikbar prova tan-nuqqas ta' rispett mhux biss lejn l-impjegati tagħhom li jiġu sfruttati dment li jqalawhom lira, iżda anke lejn il-Liġijiet ta' Pajjiżna, tirriżulta mix-xiehda ta' **Bernard Zarb** minn Jobsplus. Zarb esebixxa l-file relattiv[32] dwar spezzjoni li saret fi Schembri Infrastructures Limited f' B'Buġia fejn instabu xejn anqas minn 6 impjegati li ma kienux reġistrati ma Jobsplus. Dwar dan in-nuqqas is-sidien ħallsu multa amministrattiva.[33]

*"Dan nista' ngħid li dan il-każ, aħna kellna file, reference GOV6177. Liema file nista' nesebieh u nispjega l-kontenut tiegħu fil-qosor. Dan, fi żmien ta' Ġunju 2020 kien fi żmien il-COVID. Konna irċevejna informazzjoni li ċertu Boiken Cela bil-karta tal-identita 224744 A kien weġġa' waqt li kien xogħol ma' Schembri Infrastructures Limited. Peress li dak iż-żmien konna qegħdin bil-kwarantina. Kien hemm in-nies tagħna bil-kwarantina. Jien kont qabbadt lill-inspectors tiegħi Massimo Balzan u Sandro Muscat sabiex jitolbu list of employees mingħand is-sinjuri Schembri Infrastructures Limited. Ma' Schembri Infrastructures Limited kienet qed tidher ċertu waħda Jennifer minn naħa tal-HR Department. At one point, ma kinitx tatna informazzjoni fuq Boiken Cela. Meta għedtilha, kien jisimha Jennifer Caruana. Meta għedtilha isma', għedtilha hekk ara. Goodmorning. Are we going to take this as a decline to provide us with information please? Għax bdejt naraha naqra qisha. Imbagħad qaltli le. Qaltli on the onset I would like to apologise for my delay in reverting. In regards to the employee, ovjament għalih, I can confirm that he had just completed his training with us and <u>had just started working. Issa din kienet iddatata 8th July 2020</u>. Dawn nista' nispjega hekk, għax imbagħad kelli korrispondenza anke mal-avukata tiegħu, meta bdejna l-investigazzjoni.*

......

[30] Fol.263-264
[31] Fol.143
[32] **Dok.BZ1** a fol.153 et seq
[33] **Dok.BZ2** a fol.154. Vide korrispondenza f'dan ir-rigward a fol.180 et seq

*Xhud: Se nesebixxi l-updated employment record fejn jidher li Boiken Cela ġie irreġistrat mit-28 July 2020 sat-10 May 2021."*[34]

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrati dawn il-provi m'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni altru li ippruvat il-każ tagħha sal-grad mistenni. Ix-xiehda tal-prosekuzzjoni kienu konsistenti, veritjieri u lilhom qed tingħata kull uqija ta' kredibbilita. Dak li stqarrew jiġi korroborat anke minn xiehda li d-difiza ressqet, biex ma jingħad xejn dwar provi dokumentarji u senjatament l-email ta' Annalise Zammit li xxejjen it-teżi difensjonali tal-imputati u timminalhom b'mod irreparabbli l-każ tagħhom. Hu tassew ta' għajb li l-imputati għażlu jieħdu dan it-traġitt fid-dawl ta' dawn il-provi daqstant lampanti li jippruvaw il-kontra ta' dak li kien minn għalihom jbellgħu lill-Qorti bil-għan uniku li jevitaw li jħallsu dak tassew dovut minnhom lill-impjegat Cela.

Cela kien ilu impjegat mal-kumpanija li tagħha l-imputati huma diretturi sa mid-9 ta' Marzu 2020. Tant kien impjegat mal-kumpanija li Joseph Cremona, mill-OHSA, meta irrikorra fuq is-sit tal-inċident nhar il-11 ta' Mejju, 2020[35] jixhed: "***Għandi kopja tal-ID card tiegħu illi kien tahieli l-employer ukoll***."[36]

Irriżulta, u dan jixħet dawl fuq l-affidabbiltà u l-karattru tal-imputati, li Cela **ma kienx l-uniku impjegat li ngħata impjieg b'mod illeċitu** tant li Jobsplus sabu impjegati oħra fl-istess posizzjoni fejn ittieħdu proċeduri kontrihom ghal tali vjolazzjonijiet.

Rigward ir-rata ta' ħlas il-*payslips/chit* li kien jingħata mill-kumpanija jikkonfermaw li kien jitħallas bir-rata ta' **seba' Ewro fis-siegħa**, bħala *flat rate* kemm għal sigħat *overtime* u btajjel pubbliċi. Konferma oħra ta' dan hi l-*email* ta Annalise Zammit.[37]

Il-Qorti ma għandha l-ebda eżitazzjoni milli tikkonferma il-komputazzjoni maħruġa mid-dipartiment bħala l-ammont li hu dovut lill-Boiken Cela.

---

[34] Fol.148-150
[35] Fol.139
[36] Fol.262
[37] Fol.77

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ, tal-fatt li l-parte leża ilu jistenna dak dovut lilu sa mill-2020, tal-fatt li minkejja r-riżultanzi proċesswali l-imputati ma wrew l-ebda rimors għall-għemilhom anzi sabbtu saqajhom u baqgħu jinsistu li Cela ma kienx impjegat magħhom sa minn Marzu 2020!

L-imputati wrew wriehom bħala sidien bla qalb u kuxjenza fejn ma żammewx lura milli jiċħdu drittijiet tal-impjegati tagħhom, fosthom l-imputat, għall-benefiċċji li reġistrazzjoni t'impjieg biss tista' iġġib!

Biex jippruvaw jilħqu l-għan tagħhom li jċaħħdu lil Cela minn **dak li kien u għadu tiegħu bi dritt**, wasslu sabiex isiru dak li jidher jistgħu huma dikjarazzjonijiet foloz lid-dipartiment tad-DIER f'korrispondenza li l-kumpanija bagħtet lid-dipartiment fil-30 ta' Novembru 2020, 15 ta' Marzu 2021 u 26 ta' Marzu 2021 fejn ingħad li Cela ma kienx impjegat ma Schembri Infrastructures Ltd.[38]

Iżda mhux biss id-DIER kien rinfaċċjat b'dikjarazzjoni potenzjalment falza imma saħansitra Jobsplus ukoll!

Kif jixhed Bernard Zarb *"28th July 2020[39]...... l-employer hemmhekk irreġistrah il-bidu tal-impjieg. U tmiem l-impjieg May kien. Jiggifieri dak li kien qed jghid l-employer"*,[40] fejn Jobsplus ingħata d-data tat-28 ta' Lulju 2020 bħala d-data tal-bidu t'impjieg ta' Cela. Madanakollu email mibgħuta minn Annalise Zammit turi biċ-ċar li Cela kien **ġa impjegat mal-kumpanija nhar is-*6 t'April* 2020**.[41] F'email mibgħuta lil Jobsplus minn Jennifer Caruana tgħid li l-applikazzjoni għal *single work permit* saret fit-23 ta' Marzu 2020.[42]

---

[38] Fol.90-91 u vide l-imsemmija korrispondenza a fol.125 "***Mr. Boiken Cela was never engaged with Schembri Infrastructures Limited***" u fol.126 fejn jingħad l-istess.

[39] Fol.150

[40] Fol.151. Vide ukoll fol.149:*"Prosekutur: Biex niffukaw fuq ċertu punti. Li se nsaqsik hija, allura effettivament fil-11 ta' Mejju 2020, is-sinjur kien irreġistrat bħala impjegat.*
*Xhud Le ma kienx jidhirli li kien irreġistrat, imma mbagħad li ġara kien, ħadna azzjoni kontra Schembri. Jiġifieri ftaħnilu ċ-ċharges. Schembri iddeċieda li jagħmel administrative settlement. Fil-fatt, hemmhekk esebejt il-kopja tal-irċevuta li ħallas tal-500 tal-administrative settlement. L-irċevuta qiegħda hawnhekk, nista' nesebiha".*

[41] Fol.77

[42] Fol.160

**Decide**

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 5, 8, 22, 23, 36, 45, 46, u 47(2) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta[43], tar-regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol (Avviż Legali 247 tal 2003; S.L.452.87) u tar-regolament 3 tal- Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Ġimgħa, (Avviż Legali 112 tal-1988; S.L. 452.62), issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tikkundannahom għal ħlas ta' **multa ta' elf u ħames mitt Ewro kull wieħed (€1,500).**

Inoltre ai termini tal-Artikolu 45(2) Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati jħallsu lil **Boiken Cela (KI 0224744A**) is-somma ta' **sbatax-il elf u wieħed u ħamsin Euro u seba u tletin ċenteżmu (€17,051.37)** bejniethom.

A tenur tal-istess artikolu, dan l-ordni għandu l-istess forza u effett u hu esegwibbli bl-istess mod daqslikieku ngħata f'kawża ċivili bejn l-impjegat u l-prinċipali.

Finalment in vista tad-dikjarazzjonijiet li saru dwar impjieg u kondizzjonijiet ta' paga lid-Dipartiment ghal Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u lil Jobsplus skond il-każ, kif ukoll tax-xiehda li ngħatat f'dawn il-proċeduri minn Rodianne Brincat, tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien max-xiehda ta' Mariella Caruana[44], Bernard Zarb[45] u l-istess Rodianne Brincat tintbagħat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jikkonstata jekk fil-konfront tad-Diretturi u/jew xi impjegat minn tagħhom u/jew mill-kumpanija li tagħhom għandhom rwol rappreżentattiv hux passibbli ghal reati ta' sperġur kif ukoll għal dak ta' dikjarazzjoni falza lill-awtorità pubblika skond kif kontemplat bl-artikoli 108 u 188 tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Kummissarju tal-Pulizija

---

[43] Skond dak provdut bl-***Ordni tal-2018 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi, A.L.383/2017*** u bir-***Regolamenti ta' l-2007 dwar Dritt Minimu ta' Leave Speċjali, A.L.432/2007***

[44] Senjatament a fol.8-9

[45] Senjatament a fol.11